13

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 48/13-F

**Matthew Borg**
**vs**
**Pulptech**

Illum 10 ta' Lulju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-19 ta' Frar, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' disa' mija, u tmienja w sebgħin ewro, u sitta w sebgħin ċenteżmi (€978.76), rappreżentanti spejjeż ta' *motherboard* u *screen* li kellu jixtri fuq parir tal-intimat wara li ħadu għat-tiswija.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa ħa l-*laptop* tiegħu għand l-intimat fejn l-intimat skopra li kien hemm problema fil-*motherboard* u fl-i*screen*, pero' t-tiswija ma saritx għand l-intimat, iżda għamilha r-rikorrenti stess.

L-intimat *da parte* tiegħu ssottometta illi huwa tah parir li jbiddilha għall-prezz ta' erba' mija u ħamsa w disgħin ewro (€495). *Di piu* s-soċjeta' ntimata, offriet is-servizz tax-xogħol pero' ma ssewwa xejn għandha.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi l-intimat m'għamel l-ebda tiswijiet u jista' jkun li tah xi parir dwar x'għandu jagħmel, pero' t-tiswijiet ma sarux għand is-soċjeta' ntimata u r-rikorrenti *da parte* tiegħu qabad u ħa l-inizjattiva u xtara *motherboard* u *screen,* u ħadu għat-tiswija għand xi ħadd ieħor.

It-Tribunal ma jistax jaċċetta l-fatt illi tieħu parir mingħand xi ħadd u tmur issewwi għand xi ħadd ieħor, jekk inti tieħu parir għandek issewwi għand dik il-persuna li tkun tagħtek parir, u mhux tipprova ssewwi jew għand xi ħadd ieħor jew tipprova ssewwi inti stess.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**